OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEDUC-24-5136**

22 ta' Lulju 2025

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta
VLT 1111

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qiegħdin nibgħatulek kopja tal-Opinjoni Finali tat-30 ta' Mejju 2025, flimkien ma' dan ir-*resumé* tal-każ u korrispondenza oħra relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Dan ir-rapport sar wara investigazzjoni kondotta dwar l-ilment miġjub xxxx.

***<u>Resumé</u>***

Il-persuna hawn aktar 'l fuq imsemmija ilha għal aktar minn tnax-il sena tippresta s-servizzi tagħha bħala għalliema fi skejjel sekondarji tal-Gvern tgħallem Accounts, Business Studies u VET Retail. Minħabba tibdiliet li saru fil-liġi żmien ilu, hi għandha temporary u mhux permanent warrant ta' għalliem, u għalhekk titqies bħala supply teacher, minkejja li fil-fatt għandha dmirijiet identiċi (għal dawk li huma doveri, sigħat ta' xogħol, eċċ) bħal għalliema regolari. B'riżultat ta' dan, hi allegat li qed jiġi vjolat fil-konfront tagħha l-prinċipju ekwu ta' 'equal pay for work of equal value'.

Għar-raġunijiet spjegati fid-dettal fil-paragrafi 6 sa 12 tal-Opinjoni Finali hawn annessa, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni ikkonkluda li l-ilment tagħha kien ġustifikat, u għamel ir-rakkomandazzjoni li tinsab fil-paragrafu 14 tal-imsemmija Opinjoni Finali.

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt

Is-Segretarju Permanenti fil-ministeru responsabbli għall-edukazzjoni indika, permezz ta' ittra datata 4 ta' Lulju 2025 (kopja annessa) li l-istess ministeru ma kienx jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissarju u mar-rakkomandazzjoni tiegħu. Il-Kummissarju hawn taħt iffirmat wieġeb permez ta' ittra datata 9 ta' Lulju 2025 (ukoll hawn annessa).

Kif trid il-liġi, aħna ktibna lill-Onorevoli Prim Ministru fl-10 ta' Lulju 2025 (kopja annessa).

Għaldaqstant qed nippreżentawlek dan ir-rapport flimkien mal-korrispondenza hawn aktar 'l fuq imsemmija għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Insellu għalik

| | |
|---|---|
| Joseph Zammit McKeon | Vincent A Degaetano |
| Ombudsman | Kummissarju għall-Edukazzjoni |

Dokumenti Annessi:

Opinjoni Finali – 30 ta' Mejju 2025
Ittra tal-PS MEYR - 4 ta' Lulju 2025
Tweġiba lill-PS MEYR– 9 ta' Lulju 2025
Ittra lill-Prim Ministru – 10 ta' Lulju 2025